MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 457/2003/1

**Joseph Caruana Co. Ltd**

**vs**

**David Coleiro u Francis sive Frank Barbara**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Frar 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti in solidum bejniethom ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, tliet mija disgha u hamsin Lira Maltin (LM4359) prezz ta’ madum lilhom mibjugh u kkonsenjat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Novembru tas-sena 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-28 ta' Jannar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Kif jirrizulta minn din is-sentenza l-ewwel Qorti irpozat il-gudizzju taghha fuq il-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici. Procedura din li kif jinghad fl-Artikolu 698 (2) tal-Kapitolu 12, f' kaz li l-parti li lilha tinghata s-subizzjoni tonqos li tidher fil-jum li ghalih il-qorti thalli s-smigh tal-kawza, minghajr ma ggib raguni tajba li ghaliha tkun naqset li tidher, twassal biex dak il-kapitolu jitqies ammess u accettat, ossija, mistqarr, kif stabbilit fl-Artikolu 702 (3) (a) ta' l-istess Kapitolu 12;

Jinsab deciz illi "r-raguni tajba" jew "il-kawza gusta biex il-parti ma tidherx quddiem il-Qorti, ghalkemm ikunu saru kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonsisti f' <u>impediment legittimu</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti) li minhabba f' dak l-impediment il-parti ma setghetx tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 693**; "**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' April 1998);

Issa fil-kaz taht konsiderazzjoni l-konvenuti appellanti javvanzaw b' raguni tajba illi dakinhar li l-kawza kienet

thalliet ghas-subizzjoni taghhom inqala’ incident fl-awla fejn avukat hassu ma jiflahx u s-seduta giet momentanjament sospiza. Meta mbaghad is-seduta tkompliet u ssejhet il-kawza taghhom huma ma dahlux fl-awla. Ir-raguni moghtija hi li dakinhar quddiem l-awla kien hemm hafna nies u allura presumibilment huma ma semghuhiex tissejjah;

Dan premess, hi gurisprudenza pacifika u sana illi mhux kull pretest jew skuzanti jistghu jitqiesu bhala “raguni tajba” li ssemmi l-ligi, imma dik fejn verament ikun jezisti impediment legittimu, u li, skond wiehed mill-principji elenkati fis-sentenza a **Vol. XXIX P I p 1581**, tali impediment “jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci”;

Huma bosta l-ezemplari tal-principju li jabbundaw fl-iskorta ta’ decizjonijiet fuq is-suggett. Hekk, per ezempju, insibu illi jekk il-konvenut ikun ha zball fid-data tal-kawza jew tad-differiment dak l-izball hu wiehed vincibbli u ma jikkostitwix kawza gusta (“**Farrugia -vs- Grech**”, Appell Inferjuri, 23 ta’ Jannar 1926). Lanqas ma huwa zball skuzabbli fejn ikun hemm l-evidenti negligenza jew traskuragni ta’ l-appellanti jew tad-difensur tieghu (“**Mercieca -vs- Mifsud**”, Appell Inferjuri, 3 ta’ Mejju 1943) jew fejn, minhabba dizattenzjoni l-appellant ma semghax il-kawza tissejjah (“**Caruana -vs- Galea**”, Appell Inferjuri, 29 ta’ Novembru 1952). F’ kaz bhal dan dik in-negligenza toqtol kwalunkwe gustifikazzjoni in bazi ghall-aforisma “*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnun sentire*”, (“**Luigi Ellul -vs- Angela Ellul**”, Appell Inferjuri, 30 ta’ Marzu 1949);

Huwa dezumibbli minn dawn il-ftit ezemplari illi ma tirrikorrix ir-raguni tajba rikjesta mil-ligi f’ kaz ta’ negligenza jew traskuragni tal-kontumaci (**Kollez. Vol. XXXV P I p 323**), anke jekk din tikkonsisti f’ semplici dizattenzjoni u dan mhux biss meta l-htija tkun tal-parti izda anke meta tkun tad-difensur mandatarju tieghu (**Kollez. Vol. XXXI P I p 738**);

Fil-kaz prezenti l-appellanti qeghdin jippretendu li jigu restitwiti *in integrum* kontra l-effetti tal-kontumacja taghha quddiem l-ewwel Qorti fuq l-assunt tas-suppost incident u ta' l-affollament ta' nies quddiem l-awla. F' kaz analogu ghal dan gie ritenut illi d-distrazzjoni ghal dik ir-raguni ma tikkostitwix l-impediment legittimu u involontarju rikjesti mil-ligi. Anzi, pjuttost, dak l-istat kontumacjali kellu jitqies kolpuz. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Giorgio Borg -vs- Spiridione Riolo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju 1957;

Issa aggunta ma' din il-konsiderazzjoni hemm il-fatt illi anke issa quddiem din is-sede l-istess appellanti, nonostante li kienu debitament notifikati fl-indirizz moghti fl-avviz ta' l-appuntament ta' l-appell taghhom, naqsu milli jattendu biex jikkonfermaw bil-gurament l-kontenut tal-fatti rakkontati fl-aggravju taghhom biex b' hekk, forsi, din il-Qorti setghet tikkonsidra, fic-cirkostanzi, li kien hemm raguni sufficcjenti ghall-ispurgar tal-konfessjoni prezunta tal-materja kapitolata. Anke hawn f' din is-sede issoktaw fl-atteggjament kolpuz taghhom u allura m' ghandhomx jistennew li din il-Qorti tkun indulgenti maghhom ghan-non-kuranza u traskuratezza taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------